TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 1/14-F

<u>Clint Scerri</u>
<u>vs</u>
<u>William Rizzo għan-nom ta' Rizzu Service Station</u>

Illum 1 t'April, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-2 ta' Jannar, 2014 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' mija, u ħamsa w għoxrin ewro (€125), rappreżentanti brix fuq rim tat-*tyre* wara li kien sar il-proċess tat-tibdil tat-*tyre*.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kellu *puncture* u ħadu għand id-ditta ntimata sabiex jiġi msewwi u wara li biddel it-*tyre* mal-i*spare wheel*, huwa kien innota illi kellu l-brix fuq ir-rim u għalhekk qed jitlob kumpens.

L-intimat issottometta illi kull m'għamel huwa li biddel it-*tyre,* għax it-*tyre* kien mifqugħ u mqatta' u li l-ħsara kienet tant estensiva illi ma setax jissewwa u li ma kien għamillu l-ebda brix.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi minħabba li t-*tyre* tqatta' jidher illi kien hemm impatt sew fuq it-*tyre* u li l-probabilta' li l-brix sar minħabba hekk, u mhux konvint li l-brix sar *da parte* tal-intimat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888